MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 161/2012

**A B C**
**vs**
**D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-3 t' Ottubru, 1998 u sseparaw b'kuntratt tat-30 ta' Novembru, 2005 (in atti Not. Marco Burlo') DOK A.

2. Illi m'hemmx lok ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

3. Illi l-kontroparti ddekada milli jircievi manteniment minghand l-esponenti u l-minuri jghix maghha

4. Illi l-esponenti tixtieq tirriverti ghal kuljomha xebba ossija C;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tippronunzja t-temma taz-zwieg ossija divorzju ai termini tal-artiklu 66B tal-Kodici Civili nostran u tordna r-riverzjoni ta' kuljom l-esponenti ghal dak ta' xebba ossija C;

Rat ir-risposta tal-intimat :

1. Illi r-rikorrenti taghti wiehed x'jifhem illi hi ghandha l-kura u l-kustodja esklusiva tal-minuri binhom mentri kif jirrizulta bl-aktar mod inekwivoku u ampju mill-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn ir-rikorrenti u l-esponenti, datat it-30 ta' Novembru 2005 fl-atti tan-Nutar Marco Burlo (prezentat mar-rikors promotur), il-kura u l-kustodja ta' binhom kienet giet fdata konguntivament liz-zewg partijiet;
2. Illi salv ghas-suespost l-esponent ma jopponix ghad-divorzju rikjest mir-rikorrenti martu b'dan izda, a skans ta' kull ekwivoku, jinsisti li jzomm ferm dak kollu miftiehem u maqbul bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi generalment u dak kontenut fid-dispozizzjonijiet dwar il-kura u l-kustodja ta' binhom minuri specifikament, u dan in linea mal-Artikli 66B(c) u 66L(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Daqstant ghandu l-unur li jissottometti ghal gudizzju savju u superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Marzu, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi

ippruvat illi l-partijiet isseparaw legalment fit-30 ta' Novembru 2005;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi l-partijiet kienu irrinunzjaw mid-dritt illi jircievu manteniment minghand xulxin u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-intimat lejn ir-rikorrenti;

Illi l-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha ossija C u illi fix-xhieda tieghu l-intimat iddikjara illi ma joggezzjonax ghal din it-talba;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha ossija C, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------